MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1031/2010

**Cassar & Schembri (Marlit) Limited – C33174**
**vs**
**Leisure & Theme Park Limited – C8161**

It-Tribunal,

Ra t-talba li permezz taghha s-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett elef sitt mija tmienja u erbghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€3,648.46), prezz ta' merkanzija varja debitament mibjugha u konsenjata lil din is-socjeta` intimata fuq ordni taghha stess u liema ammont baqa' ma thallasx mill-intimata, minkejja li giet interpellata diversi drabi mill-attrici.

Is-socjeta` intimata intalbet ukoll il-hlas ta' l-imghax bl-oghla rata permessibbli mill-ligi u dan sal-pagament effettiv.

It-Tribunal ra illi s-socjeta` intimata giet debitament notifikata.

Rat in-nota ta’ ammissjoni pprezentata mill-istess socjeta` konvenuta.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jilqa’ it-talba tas-socjeta` attrici, u ghalhekk is-socjeta` konvenuta qieghda tigi kkundannata thallas is-somma ta’ tlett elef sitt mija tmienja u erbghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€3,648.46), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------